**Xprunara**




Fl-2002, il-Bank Ċentrali ta’ Malta ħareġ munita kommemorattiva tad-deheb, bit-tema marittima “Xprunara”, li tagħmel sehem mill-programm imniedi mir-*Royal Mint* imsejjaħ “Kollezzjoni ta’ Deheb Fin u Prezzjuż”.

Fuq wiċċ il-munita jidhru l-Arma ta’ Malta u s-sena tal-ħruġ 2002. L-irġejjen juri mirkeb tal-qlugħ tat-tmintax-il seklu tat-tip “Xprunara” iddisinjat minn Joseph Muscat MQR. Din il-munita “qisha Proof” kellha valuta legali ta’ Lm10 f’Malta sal-31 ta’ Jannar 2008. Hi nħadmet fir-*Royal Mint* ġor-Renju Unit.

| Tip | Denominazzjoni | Diametru (mm) | Użin Gross (g) | Titlu | Titolu massimu ta’ muniti li jistgħu jinħadmu |
|---|---|---|---|---|---|
| Deheb Qisu “Proof” | Lm10 | 13.92 | 1.24 | 0.999 | 25,000 |